MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
CHARMAINE GALEA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 1/2012/1

**Galea General Services Limited (C8650)**

**Vs**

**Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta**

It-Tribunal,

Ra r-rikorsipprezentat mis-socjeta` **Galea General Services Limited** datat 13 ta' Frar 2012 li permezz tieghu talbet lil dan it-Tribunal jordna r-revoka tal-penali imposta kemm bhala punti u kif ukoll pekunjajru fuq iz-zewg nuqqasijiet kif imhabbra permezz tal-Avviz tat-23 ta' Jannar 2012;

Ra r-Risposta ta' **l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fit-28 ta' Frar 2012 li permezz taghha opponiet ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti u eccepiet:-

1. Illi in linea preliminari, kif stabbilit b'Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta, l-isem proprju ta' l-Awtorita` intimata huwa Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Ghaldaqstant u ghal kull buon fini, ghandha ssir id-debita korrezzjoni.
2. Illi sussidjarjament l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata.
4. Illi l-Awtorita` intimata ghamlet l-indagni taghha sew u b'responsabbilita`, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kaz, u minn dak li rrizultalha inhareg l-avviz fejn, ghar-ragunijiet indikati fl-istess avviz, gew imposti s-sanzjonijiet kif previst fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15;

Ra x-xhieda ta' Frank Cutajar u d-dokumenti ipprezentati minnu Dok FC1 u Dok FC2, ta' Mario Formosa u d-dokumenti ipprezentati minnu Dok MF1 u Dok MF2, ta' George Farrugia u d-dokumenti ipprezentati minnu Dok GF1, Dok GF2 u Dok GF3, ta' Joseph Mifsud, ta' Lino Abela u d-dokumenti ipprezentati minnu Dok LA1, Dok LA2, Dok GV1, Dok GV2 u Dok GV3

Ra l-atti l-ohra kollha;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra illi r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Permezz ta' avviz datat **23 ta' Jannar 2012** li jinsab esebit bhala **Dok A** a fol. 6 tal-process, l-Awtorita` intimata infurmat lis-socjeta` rikorrent bis-segwenti:- ***"Please be advised the on the 19th January 2012 the Transport Malta Technical Unit Officers had conducted a post VRT inspection on the above mentioned vehicle. The vehicles was retested and passed the VRT test on the 9th January by your VRT tester Frank Cutajar licence***

***number LTD/38/98/134. The following irregularities related to the VRT test were noted during the Transport Malta inspection.***

- ***Excessive white smoke emitted from the engine to the extend that impaired the visibility***
- ***Left head light lamp emitting insufficient light***

***Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 item 5 and item 19 your tester Frank Cutajar is therefore being penalized the total points of 60 points (Sixty) that are equivalent to €660***

***The Administrative Fine of €660 is to be made payable by cheque to Transport Malta within the prescribed period.***

***May we also draw your attention to your right of appeal from this decision in terms of Part VI of the same regulations."***

Illi t-Tribunal ihoss li qabel ma jigi nvestit il-mertu tar-rikors odjern ghandhom jigu ezaminati zewg kwistjonijiet fundamentali li jemanu mill-Avviz datat 23 ta' Jannar 2012 mahrug mill-Awtorita` intimata u mibghut lil Michael Grech qua *managing director* ta' Galea General Services Limited. Illi fl-imsemmi Avviz insibu li l-Awtorita` kienet qed tippenalizza lit-*tester* ghal zewg irregolaritajiet u cioe:-

***1. Excessive white smoke emitted from the engine to the extend that impaired the visibility***
***2. Left head light lamp emitting insufficient light***

Illi ghal dawn l-irregolaritajiet l-Awtorita` intimata imponiet sittin (60) punt ta' penali fuq it-*tester* Frank Cutajar in linea mat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Illi t-Tribunal jirrileva illi fiz-zmien meta sar il-VRT in kwistjoni, u meta saret l-*inspection* in kwistjoni da parti tat-teknici tal-Awtorita` intimata, kien vigenti l-Avviz Legali 43 tal-2008 li kien jaqsam l-imsemmija Tnax-il Skeda f'zewg partijiet distinti minn xulxin u cioe *"Sistema ta' Punti ta' Penalita` uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta'*

*penalita' li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt **ta' operatur"**[1]* u mbaghad kien hemm parti ohra intitolata *"Sistema ta' Punti ta' Penalita' uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penalita` li ghandhom jinghataw ghall-hsur tal-kundizzjonijiet **ta' persuna li jkollha licenza biex tittestja."**[2]* Di piu` Regolament 21 (2) tal-Ligi Sussidjarja 65.15 kif applikabbli fiz-zmien in ezami jghid li *"Meta operatur jonqos milli jhares il-kundizzjonijiet stabbiliti ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u meta persuna li jkollha licenza f'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jkollhom licenza biex jittestjaw, l-ufficjal awtorizzat **ghandu jaghti lill-operatur jew lill-persuna li jkollha licenza biex tittestja, skond ma jkun il-kaz,**[3] avviz bil-miktub li jkun jispecifika l-ksur tal-kundizzjonijiet, in-numru adatt ta' punti ta' penalita` li jkunu se jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li jkollha licenza biex tittestja, u l-multa amministrattiva li tkun se tigi imposta fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur."*

Illi mill-provi jirrizulta illi Avviz fil-verita` intbaghat wiehed biss lil Michael Galea qua General Director tas-socjeta` rikorrenti. Mill-istess avviz jirrizulta wkoll illi l-irregolaritajiet, jekk semmai twettqu, wettaqhom it-*tester* tas-socjeta` rikorrenti u cioe Frank Cutajar. Madankollu ma jirrizultax li l-imsemmi Frank Cutajar gie notifikat b'xi Avviz dwar in-nuqqasijiet ravvizati mit-teknici tal-Awtorita` intimata. Kwindi minn dan l-aspett certament l-Awtorita` intimata ma mxietx proceduralment b'mod korrett.

Illi di piu`, kif gie ribadit ghal f'iktar minn okkazjoni wahda minn dan it-Tribunal diversament presjedut, l-Awtorita` intimata ma kellha l-ebda dritt li ghan-nuqqasijiet tat-*tester* timponi penali amministrattiva fuq l-operatur, kif sehh f'dan il-kaz.[4] Illi l-Awtorita` intimata ma setghet qatt timponi multa amministrattiva bhala korrispettiv ghall-punti ta' penalita` imputabbli semmai lit-*tester* Frank Cutajar.

---

[1] Enfasi tat-Tribunal
[2] Enfasi tat-Tribunal
[3] Enfasi tat-Tribunal
[4] Ara **Vella Investments Limited vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** (26/2010) deciza fil-11 ta' Lulju 2013, u **Joseph Magri et vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** deciza fid-29 ta' Mejju 2012 (suggetta ghal decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell).

Dan johrog car hafna minn qari tar-Regolamenti taht Taqsima VI tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ghaliex fejn  si tratta ta' **multi** dawn qeghdin marbutin biss ma' **agir tal-operatur** u mhux mal-agir tat-*tester* u dan kif kienet il-ligi vigenti dak iz-zmien u kif inhi anke llum (Regolament 21 (2) L.S. 65.15).

B'hekk  it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Avviz datat 23 ta' Jannar 2012, u li huwa l-mertu ta' dan l-appell, huwa kkaratterizzat minn  nuqqasijiet li jirrenduh irritu u null u bla effett fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti.

Fl-ahharnett, u ghal kull buon fini, jigi osservat li l-ewwel l-eccezzjoni  preliminari sollevata mill-Awtorità intimata dwar il-korrezzjoni ta' isimha fl-atti ta' dawn il-proceduri giet sorvolata bid-Digriet moghti fl-1 ta' Gunju 2012 minn dan it-Tribunal diversament presjedut u ghaldaqstant it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik l-eccezzjoni.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorità intimata,  jichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha u jirrevoka *in toto* d-decizjoni ta' l-Awtorita` intimata  kif kontenuta fl-avviz datat 23 ta' Jannar 2012.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra l-Awtorita` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------